**17 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

L-Avukat Tonio Borg *et*

*versus*

Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura u d-Direttur tal-Mużewijiet

**Sentenza – Nullità ta' – Eċċezzjoni – Nuqqas ta' Deċiżjoni ta' Diskriminazzjoni – Protezzjoni minn – Dritt Fundamentali ta' Enti Morali – Persuna Fiżika – Drittijiet Fundamentali, u Rimedju – Għoti ta'**

*Ir-rikorrenti kienu talbu permess sabiex itellgħu esibizzjoni dwar il-Moviment minnhom rappreżentat fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija u dan ġie lilhom irrifjutat. Ir-rikorrenti allegaw li dan kien diskriminatorju fil-konfront tagħhom u li konsegwentement kienu*

*intitolati għar-rimedju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tagħhom billi ddikjarat l-aġir ta' l-intimati diskriminatorju fil-konfront tal-rikorrenti però ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda rimedju ieħor li kellha tipprovdi. L-intimati appellaw in via prinċipali waqt li r-rikorrenti appellaw inċidentalment. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appelli u kkonfermat.*

*In-nuqqas ta' deċiżjoni ta' eċċezzjonijiet fid-dispositiv tas-sentenza ma twassalx għan-nullità ta' l-istess meta tali deċiżjoni tkun tirriżulta b'mod ċar u univoku mill-korp stess tas-sentenza.*

*L-intimat il-Ministru responsabbli kien eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna tiegħu fil-kawża. Dwar dan il-Qorti ddeċidiet li l-Ministru responsabbli kien persuna leġittima biex toqgħod f'ġudizzju ta' din ix-xorta u dan billi d-deċiżjoni li ma ssirx il-wirja proposta mir-rikorrenti kienet tiddependi minnu.*

*Inoltre l-intimati wkoll kienu eċċepew li r-rikorrenti ma kellhomx id-dritt fundamentali li kienu qegħdin jivvantaw bħala għaqda, imma biss fil-persuni individwali tagħhom. Din l-eċċezzjoni wkoll ġiet miċħuda. Id-dritt ta' protezzjoni kontra diskriminazzjoni jattalja ruħu ma' persuna fiżika kif ukoll ma' għaqda li tagħha dik il-persuna fiżika tifforma parti.*

*Fil-mertu l-Qorti sabet li kien hemm diskriminazzjoni għad-dannu tar-rikorrenti billi dawn ma kinux ingħataw permess jagħmlu l-wirja suġġerita meta entitajiet politiċi oħra ngħataw tali permess. Inoltre rriżulta li ma kienx hemm ġustifikazzjoni fil-fatti għal ċaħda ta' tali permess.*

*Dwar l-appell inċidentali interpost mir-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' għoti lilhom ta' rimedju, il-Qorti ċaħdet dan l-appell billi rriteniet li ma kellhiex fiċ-ċirkostanzi tal-każ tiddisturba l-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li

permezz tiegħu l-Avukat Dr. Tonio Borg u Carmel Cacòpardo, bħala President u Segretarju Ġenerali rispettivament tal-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista u in rappresentanza ta' l-istess Moviment, wara li esponew:

1) Illi fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Żgħażagħ Nazzjonalisti li r-rikorrenti organizzaw bejn is-16 u t-23 ta' Ġunju 1983, huma talbu lill-intimati biex jagħtuhom permess li jtellgħu esibizzjoni – dwar il-ħidma, storja u attivitajiet ta' l-istess Moviment fl-aħħar 25 sena – fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, Triq ir-Repubblika, il-Belt;

2) Illi għalkemm ir-rikorrenti applikaw għal dan il-permess fl-20 ta' Ġunju 1983, kellhom jistennew sa l-1 ta' Awissu 1983 biex jirċievu xi tip ta' risposta mill-intimati, u kien biss permezz ta' ittra tat-2 ta' Settembru 1983, illi l-intimati ċaħdu lir-rikorrent il-permess neċessarju, bl-iskuża ta' nuqqas ta' spazju fejn tista' ssir l-esibizzjoni;

3) Illi r-raġunijiet miġjuba mill-intimati huma biss skużi, u l-vera raġuni l-għaliex it-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda, hi sempliċement li l-esibizzjoni kienet ser tittratta dwar il-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista, u l-intimati riedu li jiddiksriminaw kontra dan il-Moviment billi ċaħduh mill-istess faċilitajiet li fil-passat huma taw lil ħaddieħor, inkluż il-Partit Laburista, billi ħallew lil diversi organizzazzjonijiet oħra jorganizzaw esibizzjonijiet diversi, inklużi dawk politiċi;

4) Illi b'dan l-aġir tagħhom l-intimati vvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti, kif garantiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta, billi bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni, fil-qadi tal-funzjonijiet tal-karigi pubbliċi

tagħhom, aġixxew b'mod diskriminatorju kontra tagħhom, billi taw trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom skond opinjonijiet politiċi, li minħabba fiha persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ġew soġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuna ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma ġewx soġġetti għalihom;

Talbu: (1) illi dik il-Qorti tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati meta rrifjutaw il-permess meħtieġ sabiex ir-rikorrenti jtellgħu esibizzjoni dwar il-Moviment minnhom rappresentat fil-Mużew imsemmi kien diskriminatorju fil-konfront tagħhom, u b'dan l-aġir tagħhom l-intimati vvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tagħhom garantit bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

(2) Illi konsegwentement il-Qorti tagħti dawk ir-rimedji li jidhirlha xierqa sabiex tagħmel sew għall-vjolazzjoni fuq indikata;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha qalu:

1) In liena preliminari, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-ġudizzju, billi d-Direttur tal-Mużewijiet jidher għan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji f'kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-attivitajiet ta' dak id-Dipartiment;

2) Bla preġudizzju tal-premess, u dejjem in linea preliminari t-talba tar-rikorrenti, kif inhi formulata, għandha tiġi miċħuda, billi d-dritt ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni

*tappartjeni lill-membri individwali komponenti l-Għaqda* tagħhom u mhux lill-għaqda *'ad hoc'*, stante li kwalunkwe għaqda hija biss il-mezz biex *l-individwi li* jikkomponuha jużawha biex jesprimu l-ideat tagħhom, u jekk ġie leż xi dritt ta' xi individwu kif protett mill-Kostituzzjoni, dak l-individwu u mhux l-għaqda tiegħu ikun ġie leż; u

3) *Fil-mertu*, u bla preġudizzju tal-premess, l-eċċipjenti, kuntrarjament għal dak li qed jallegaw kontrihom ir-rikorrenti bl-ebda mod ma ddiskriminaw kontra tagħhom fl-attivitajiet li saru fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, il-Belt, billi r-rikorrenti kienu ġà ġew infurmati b'ittra ta' l-1 ta' Awissu, 1983, li s-sular ta' isfel tal-Mużew huwa okkupat minn esebiti permanenti; wara li *r-rikorrenti* reġgħu kitbulu għas-sular *ta' fuq* tal-Mużew l-intimat weġibhom b'ittra fit-8 ta' Settembru 1983, li t-talba tagħhom fil-ġranet li riedu huma, u ċjoè 17 sa l-20 t'Ottubru, ma setatx tiġi milqugħa għal dawk il-ġranet speċifiċi. Din i-raġuni ġie ripetuta mill-intimat Direttur tal-Mużewijiet fil-kontroprotest tiegħu tat-3 ta' Ottubru, 1983, u għalhekk huwa ovvju li dan ir-rikors qed isir unikament bi skop ta' propoganda politika, għax ħadd m'għandu dritt jiddetta u jesiġi dati speċifiċi għall-użu esklussiv tiegħu ta' post pubbliku bħalma huwa l-Mużew ta' l-Arkeoloġija;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Mejju 1984 li biha laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors u dwar it-tieni talba ddikjarat li fiċ-ċirkostanzi m'hemmx miżuri rimedjali x'tordna, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati, u *dana wara li kkunsidrat:*

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati pprezentat fl-14 ta' Mejju 1984 li bih talbu li s-sentenza mogħtija mill-qorti Ċivili Prim'Awla fit-2 ta' Mejju 1984 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq imsemmija tiġi ddikjarata li hija nulla, u mingħajr preġudizzju ta' dan, u alternativament, dina l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti u t-talbiet kontenuti fir-rikors ta' l-appellati jiġu miċħudin fl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-appellati Avukat Tonio Borg u Pawlu Spiteri *nomine* li biha wara li interponew appell inċidentali talbu li din il-qorti tiċħad l-appell ta' l-appellanti u tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi waqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel talba tagħhom, tirrevokaha fejn ċaħdet it-tieni talba tagħhom u minflok tilqa' l-istess talba u tordna li jingħataw dawk ir-rimedji li din il-Qorti jidhrilha xierqa sabiex tagħmel sew għall-vjolazzjoni sofferta minnhom;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tar-rikors ta' l-appell u l-atti l-oħra tal-proċess jidher li l-appellanti fl-ewwel lok qegħdin jissottomettu li l-ewwel Qorti naqset li tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħhom fuq imsemmija u li dan iwassal għan-nullità tas-sentenza appellata;

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-imsemmija sottomissjoni ta' l-appellanti. Kif jidher minn eżami tas-sentenza, l-ewwel eċċezzjoni ġiet ikkunsidrata mill-ewwel Qorti f'paragrafu *ad hoc* li fih dik

il-Qorti rriteniet espressament li "fuq il-fatti kif jirriżultaw din l-eċċezzjoni mhux sostenibbli" f'liema paragrafu mbagħad elenkat dawn il-fatt. Meta f'paragrafu sussegwenti kkunsidrat it-tieni eċċezzjoni, l-ewwel Qorti espressament qalet: "Anke din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli";

Bl-imsemmija kliem l-ewwel Qorti kienet qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari ta' l-appellanti;

Għandu jiżdied ukoll a propożitu illi din il-Qorti (President Sir Arturo Mercieca, Imħallfin Buhagiar u E. Ganado fil-kawża fl-ismijiet Giuseppe Formosa Speranza *nomine vs* Pietro Guglielmo Camilleri", 16 ta' Jannar 1933 (Kollez. Dec. Vol. XXVIII.I.740, 744) iċċitat b'approvazzjoni minn Laurent *(Principii di Diritto Civile, Edizione Italiana, Vol. XX, pagina 31)* fejn qal: *"La volontà del magistrato puo trarsi anche dai considerandi della sentenza: se questi dimostrano, in modo non dubbio, che il giudicante ha ritenuto infondata un'eccezione proposta da alcuna delle parti, è forza ammettere che lo abbia implicitamente respinta, sebbene il dispositivo non vi accenni punto"*. Fil-każ preżenti l-ewwel ġudikant wera biċ-ċar bil-kliem tiegħu fuq ċitati li huwa kien qed jiċħad l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet f'kap separat. Jista' jiżdied ukoll illi l-ispejjeż relattivi għall-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet ġew ukoll deċiżi mill-ewwel Qorti meta fid-dispositiv tas-sentenza ddeċidiet li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati;

Ikkunsidrat:

Fit-tieni lok l-appellanti qegħdin jissottmettu subordinatament li l-ewwel eċċezzjoni tagħhom fuq imsemmija,

u ċjoè li l-Onorevoli Ministru kien ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, imissha ġiet akkolta billi l-provi kienu juru li d-deċiżjoni dwar jekk il-wirja setgħetx issir jew le kien ħadha l-appellant l-ieħor id-Direttur tal-Mużewijiet. Il-Ministru kien ġie sempliċement infurmat b'din id-deċiżjoni u approva d-deċiżjoni li kien ħa l-appellant l-ieħor id-Direttur tal-Mużewijiet;

Il-provi però bl-ebda mod ma jsostnu l-imsemmija sottomissjonijiet ta' l-appellanti. Minn eżami tad-deposizzjoni ta' l-istess appellant id-Direttur tal-Mużewijiet jirriżulta bl-iktar mod lampanti kemm hija infondata l-imsemmija eċċezzjoni. Infatti huwa xehed (fol. 38) "Xtaqt li hawnhekk isiru biss wirjiet ta' natura kulturali. Però naturalment l-aħħar deċiżjoni tkun dejjem tal-Ministru responsabbli għall-Mużewijiet" u iżjed tard (fol. 40); "Għidtlu (lil Dr. Tonio Borg) illi t-talba kienet marret quddiem il-Ministru kif fil-fatt imorru t-talbiet kollha għall-wirjiet li jkunu sa jsiru hemmhekk" u (fol. 42) "Id-deċiżjoni ma tistax tintrabat minn żmien imbiegħed għal dati fissi għall-futur, fis-sens li jkollna diversi *requests* għal wirjiet u rridu naraw kif se nallokawhom u nkunu anke rridu l-permess tal-Ministru". Taħt kontroeżami l-istess appellant xehed (fol. 48) "Qabel ma tlaqtu (lill-Onorevoli Ministru) staqsejtu x'kont se nagħmel fuq din il-wirja in partikolari u huwa staqsieni jekk għal dak iż-żmien kellniex xi ħaġ'oħra u jiena rrispondejtu fl-affermattiv u allura huwa ried *(sic)* jgħidli li l-wirja proposta tal-partit ma ssirx" u iktar tard (fol. 50); "Naħseb li huwa korret dak li qiegħed jgħid ossija jissuġġerixxi l-Avukat tar-rikorrenti li Ministru jiddeċidi skond il-każ. S'intendi mhux se ngħid jien x'jagħmel il-Ministru jew x'jista' jagħmel il-Ministru";

Jidher ċar mill-imsemmija deposizzjoni li r-rifjut ta' l-

appellanti lir-rikorrenti li jżommu l-wirja in kwistjoni kien l-effett tad-deċiżjoni taż-żewġ appellanti. Anzi jista' jingħad li kien l-effett tad-deċiżjjoni finali ta' l-Onorevoli Ministru. Isegwi għalhekk li l-Onorevoli Ministru appellant kellu kull interess jiddefendi d-deċiżjoni tiegħu u, in vista ta' dan l-interess tiegħu, ma jistax jingħad li huwa mhux leġittimu *kontradittur* f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin ukoll jissittomettu li l-ewwel Qorti kienet ukoll *skorretta meta ma laqgħetx it-tieni eċċezzjoni* tagħhom preliminari fuq imsemmija, u ċjoè illi t-talba tar-rikorrenti appellati għandha tiġi miċħuda billi d-dritt ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni jippartjeni lill-membri individwali komponenti l-għaqda tagħhom mhux lill-għaqda *ad hoc;*

Anke *din* l-*eċċezzjoni hija infondata. Eċċezzjoni simili kienet* ġiet respinta minn din il-Qorti fil-kawża: Dr. Eddie Fenech Adami, Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Partit Nazzjonalista *vs* Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru, 29 ta' Novembru 1986, segwita ukoll fil-kawża John Lateo *et nomine vs* Kummissarju tal-Pulizija deċiża fit-18 ta' Novembru 1987;

Il-Qorti taqbel mar-raġunijiet miġjuba għaċ-ċaħda *ta'* l-eċċezzjoni u tirritjeni li d-dritt ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni kkontemplat fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (ġà l-artikolu 46) jattalja ruħu ma' persuna fiżika kif ukoll ma' għaqda li tagħha dik il-persuna fiżika tifforma parti. Mhux verosimili li qatt setgħet kienet l-intenzjoni tal-leġislatur li jagħmel

regoli kontra d-diskriminazzjoni lill-individwu minħabba l-opinjonijiet politiċi tiegħu, imbagħad iċaħħad dak id-dritt lill-organizzazzjoni li tkun inħolqot apposta biex jiġu mfissira dawk l-opinjonijiet;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-mertu l-appellanti qegħdin jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata meta mill-kompless tal-provi waslet għall-konklużjoni li l-appellanti vvjolaw id-dritt fundamentali tal-bniedem imsemmi fl-artikolu 46 (illum l-artikolu 45) tal-Kostituzzjoni, ċjoè d-dritt ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Skond l-appellanti l-ewwel Qorti qagħdet tinħela biex tindaga x'setgħu kienu l-motivi jew l-intenzjonijiet ulterjuri tagħhom. Kien impossibbli – jippretendu l-appellanti – li ssir il-wirja in kwistjoni fil-ġranet u kmamar li talbu r-rikorrenti u għalhekk ma jistx jingħad li kien hemm diskriminazzjoni;

Anke din is-sottomissjoni, fil-fehma tal-Qorti, m'hijiex korretta mill-provi. Infatti jirriżulta mill-provi li filwaqt li ngħata l-permess biex issir wirja ta' ritratt politiċi antiki f'attività mtella' mid-dipartiment tal-kultura ta' partit politiku ieħor (Dok. F), permezz biex issir wirja politika mir-rikorrenti ġie miċħud;

Il-provi juru li r-rikorrenti kienu kitbu ittra fl-20 ta' Ġunju 1983 – kważi erba' xhur qabel – biex iżommu l-wirja tagħhom bejn is-17 ta' Ottubru u l-20 ta' Ottubru 1983 jew fil-*foyer* t'isfel tal-Mużew ta' l-Arkeoloġija jew fis-sala tas-sular ta' fuq. Din l-applikazzjoni baqgħet bla risposta u kien biss wara ittra oħra tar-rikorrenti mibgħuta xahar wara – fl-20 ta' Lulju 1983 – li r-rikorrenti rċevew risposta b'ittra ta' l-1 ta' Awissu 1983 –

risposta dina li kienet monka billi rriferiet biss għad-daħla jew *foyer* tal-Mużew u qalet li kienet "bħalissa" okkupata minn *exhibits permanenti ta'* l-arkeoloġija. Meta r-rikorrenti rċevew din ir-risposta, huma minnufih reġgħu kitbu fit-3 ta' Awissu 1983 fejn *inter alia* rrilevaw l-imsemmi nuqqas – ittra dina li kellha tiġi segwita b'ittra konfermatorja tar-rikorrenti tas-26 ta' Awissu billi ma ngħatax risposta mill-appellanti. Din ir-risposta ulterjuri ta' l-appellanti ingħatat b'ittra tat-2 ta' Settembru 1983 fejn ingħad sempliċement li ma kienx possibbli li l-wirja ssir fis-sala ta' fuq, mingħajr ma ngħatat ir-raġuni u mingħajr ma ngħatat il-possibilità ta' xi alternattiva;

Din il-korrispondenza kollha, li l-Qorti semmiet dettaljament, għandha tiġi akkoppjata ma' dak li jirriżulta mid-deposizzjonijiet ta' l-appellant id-Direttur tal-Mużewijiet u tax-xhud Luciano Micallef. L-imsemmi appellant xehed li meta rċieva l-applikazzjoni huwa kien kellem lis-segretarju tiegħu s-Sur Borg u saqsieh jekk kienx hemm xi ħaġa għal dik il-ħabta u dana kien *irrispondih li Luciano Micallef kien qed jaħseb li* jagħmel wirja "*around the 20th*" ta' Ottubru (fol. 55). F'dan però l-imsemmi appellant ma kienx preċiż billi fil-waqt li l-applikazzjoni tar-rikorenti kienet datata 20 ta' Ġunju 1983, jirriżulta b'mod l-aktar kategoriku mid-deposizzjoni ta' Luciano Micallef mogħtija fit-23 ta' Novembru 1983 li tkellem l-ewwel darba ma' l-imsemmi appellant dwar l-ideja tiegħu li jagħmel wirja fl-1 ta' Awissu 1983 u li huwa kien ċert minn din id-data billi dak in-nhar kien daħal il-Belt biex jagħmel passaport. L-ideja li jagħmel wirja ġiet lilu minn jeddu u mar ikellem lil *Father Zerafa* fuqha;

Din id-deposizzjoni ta' Luciano Micallef turi li meta saret l-applikazzjoni tar-rikorrenti fl-20 ta' Ġunju 1983, lanqas biss

kienet teżisti alba għall-wirja minn Luciano Micallef u wisq inqas deċiżjoni dwar meta kellha ssir din il-wirja;

Li kieku kien hemm fil-perijodu mitlub mir-rikorrenti għall-wirja tagħhom xi wirja oħra appuntata, bħal dik ta' Ġanni Vella, li ssemmiet ukoll fil-kors tal-provi, wieħed kien jistenna li l-imsemmi appellant, dana kien jgħidu jew li s-segretarju tiegħu kien jgħidulu; iżda l-imsemmi appellant qatt ma indika meta ttieħdet id-deċiżjoni li tinżamm il-wirja ta' Ġanni Vella (għalkemm wiegħed li dina jindikaha), u llimita ruħu biex jgħid li dwar l-esibizzjoni mtella' minn Ġanni Vella li kienet ser issir kienu ilhom jiddiskutu ħafna. Ċertament ma setgħetx ġiet iffissata qabel l-1 ta' Awissu għall-20 ta' Ottubru meta kif sejjer jingħad jirriżulta li fl-1 ta' Awissu l-istess appellant kien issuġerixxa li l-wirja ta' Micallef issir f'Ottubru;

Infatti mill-imsemmi Luciano Micallef jirriżulta wkoll li huwa xtaq li l-wirja tiegħu tinżamm f'data aktar lura minn Ottubru iżda min-naħa tad-direzzjoni tal-Mużew sar is-suġġeriment li l-wirja tiegħu ssir f'Ottubru u dana fil-laqgħa ta' l-1 ta' Awissu 1983. Huwa kien aċċetta li l-wirja tiegħu ssir fl-20 ta' Ottubru iżda in segwitu ħassarha. Li fl-1 ta' Awissu 1983 kienet għadha ma saritx deċiżjoni dwar wirjiet f'Ottubru fis-sala ta' l-imsemmi appellant. Infatti (fol. 51), meta ġie mistoqsi għaliex jekk is-sala ta' fuq kienet diġà bbukkjata għall-ġranet rilevanti, għaliex fl-ittra tiegħu ta' l-1 ta' Awissu 1983 ma semmiex din iċ-ċirkostanza iżda semma biss iċ-ċirkostanza li l-wirja ma setgħetx issir isfel, l-appellant irrisponda: "Ma nistax ngħid eżatt x'kien il-proċess mentali tiegħi meta għamilt din ir-risposta. Naħseb li kienet hekk: l-applikant talab li jagħmel wirja isfel jew fuq; isfel kien kompletament barra mill-kwistjoni għaliex kien diġà okkupat b'wirja permanenti fil-waqt li fuq kelli l-

impressjoni li ser isiru xi *exhibitions,* imma nissoponi li kienet għadha ħaġa fluwida. Fil-fatt il-wirja li saret u li ma kinitx għadha approvata mill-Ministeru, kienet il-wirja ta' Ġanni Vella'';

Dawn il-provi kollha u oħrajn, li l-Qorti ma tħossx in-neċessità li ssemmihom, juru, fil-fehma tagħha, li hija infondata l-pretensjoni ta' l-appellanti li kienet impossibbli li ssir wirja in kwistjoni fil-ġranet u kmamar li talbu r-rikorrenti. Anzi l-provi juru li *meta saret l-applikazzjoni tagħhom* – *erba' xhur qabel* il-wirja mitluba – ma kien hemm l-ebda wirja oħra ffissata għal Ottubru 1983 billi dik li kellha ssir, u li ma saritx, ta' Luciano Micallef ġiet miftehma fl-1 ta' Awissu 1983 u dik ta' Ġanni Vella kienet lanqas biss ġiet iffissata fit-2 ta' Awissu;

L-appellanti għalhekk kienu liberi jilqgħu t-talba tar-rikorrenti almenu għas-sular ta' fuq. Il-fatt li ċaħdu t-talba tar-rikorrenti meta setgħu jilqgħuha u meta qabel kienu laqgħu talba simili ta' partit politiku ieħor jammonta għal diskriminazzjoni skond *il-Kostituzzjoni*. Il-*Qorti* għalhekk ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti appellati qegħdin jappellaw inċidentalment mis-sentenza appellata fejn dina fir-rigward tat-tieni talba tagħhom, iddikjarat li fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm miżuri rimedjali li tista' tordna. Ir-rikorrenti appellati qegħdin jissottomettu fir-risposta ta' l-appell tagħhom li waqt li kien ikun aktar desiderabbli li kieku l-wirja saret meta suppost, il-fatt li din issir sena wara ma jnaqqas xejn mill-messaġġ li riedu jwasslu u għalhekk tali rimedju jkunu effettiv. Huma qegħdin jissottomettu

wkoll subordinatament li l-Qorti għandha tikkundanna lill-appellanti li jħallsu somma ta' flus biex jagħmlu tajjeb għall-ksur tad-drittijiet tagħhom;

Il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq dawn is-sottomissjonijiet però ma tarax li għandha fiċ-ċirkostanzi partikolari u attwali ta' dan il-każ tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ssollevata mill-appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom u tiċħad ukoll l-appell tagħhom dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati minnhom quddiem l-ewwel Qorti bl-ispejjeż kontra tagħhom u f'dan ir-rigward għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata, tiċħad ukoll l-appell prinċipali interpost mill-appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom kif ukoll tiċħad l-appell inċidentali magħmul mir-rikorrenti appellati bl-ispejjeż kontra tagħhom, u għalhekk tikkonferma fit-totalità tagħha s-sentenza appellata.